

NO5

# Riflessjonijiet Spiritwali fuq il-ħajja u l-ħidma ta' Mons. Ġ. De Piro

### Marija, il-mogħdija għal għand Alla

De Piro għażel lil Marija bħala l-mudell u l-gwida biex tgħinu jisma' l-kelma ta' Alla. Hu kien iħares lejn Marija bħala l-vera dixxiplu.

F'waħda mill-prietki tiegħu nsibu riflessjoni sabiħa fuq dak il-pass tal-Vanġelu meta dik il-mara faħħret lil Marija li welldet lil Ġesù:

"...Hija rat lil Binha fil-maxtura u emmnet li hu l-ħallieq tad-dinja;
Ratu jaħrab lil Erodi, imma emmnet li kien is-Sultan tas-slaten;
Ratu jitwieled, imma emmnet li kien minn dejjem;
Ratu jgħix fil-faqar, imma emmnet li hu setgħani;
Intebħet li hu ma tkellimx, imma emmnet li hu l-għerf infinit;
Semgħetu jibki, imma emmnet li kien il-ferħ tal-ġenna;
Ratu msallab, imma baqgħet temmen li hu Alla;
Wara l-qawmien mill-mewt kienet hi li bħal torċa żammet tixgħel il-fidi fl-appostli..."

Meta l-Fundatur għażel lil Marija bħala patruna tas-Soċjetà tagħna taħt it-titlu tal-Assunzjoni, huwa ried juri ċar lilna l-membri tas-Soċjetà tiegħu, fejn għandna tkun qalbna.

Dan it-tagħrif insibuh fil-Ktieb, "Found among Sinners", ta' Fr Martin Cilia mssp

**Dan it-tagħrif insibuh fil-Ktieb "Found among Sinners", ta' Fr Martin Cilia mssp**



Is-Superjur Reġjonal Fr. Lonnie Borg, waqt il-professjoni ta' Bro. Leo

# L-Ewwel Professjoni

Nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2012, Bro. Leo Estanislao għamel il-professjoni reliġjuża mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Bro. Leo huwa l-ewwel kandidat mill-Filippini li daħal mas-Soċjetà tagħna. Din is-sena Bro. Leo jispiċċa l-Filosofija u f'Ġunju jibda t-Teoloġija flimkien mal-brothers l-oħra fid-Dar Internazzjonali tal-Formazzjoni ta' Manila. Il-professjoni saret fil-kappella tal-istess dar tal-formazzjoni fil-preżenza ta' Fr Lonnie Borg u tliet saċerdoti oħra u l-kumplament tal-brothers. Fr Stephen li kien il-formator tiegħu għal din is-sena għamel l-omelija u saħaq ma' dawk preżenti fuq l-importanza tal-fidi u t-talb fl-għażla tal-vokazzjoni. Għall-quddiesa tal-professjoni kien hemm ukoll grupp sabiħ ta' żgħażagħ li qegħdin fil-proċess tagħhom ta' dixxerniment u li ta' kull gimgħa jiġu jitolbu mal-Komunità. Il-ħidma vokazzjonali fil-Filippini għadha fil-bidu, imma għall-grazzja ta' Alla hemm sinjali sbieħ ta' kandidati prospettivi. Inkomplu nitolbu ħalli l-Mulej ikompli jibgħat ħaddiema fl-għalqa tiegħu.


## LOURDES

Kien beħsiebek tmur LOURDES din is-sena jew taf lil xi ħadd li għandu l-ħsieb li jmur? Ejjew magħna, u tkunu qed tgħinuna fil-missjoni tagħna.

**Mit-30 ta' Lulju sal-4 ta' Awwissu**
**Għal aktar dettalji ċemplu fuq 7926 2968**







May 2012 / Għadd 469
Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP

NEWS PAPER POST




# Aħna lilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB



Ritrat: Fr. Bernard ma' l-Arċisqof u l-ġenituri tiegħu

# Ħdejn id-dar tal-Fundatur fl-Imdina

*Għas-Soċjetà tagħna, nhar il-ħadd 29 ta' April - Jum il-Vokazzjonijiet, kienet ġurnata tassew sabiħa. Bro. Bernard Falzon irċieva l-Ordni tad-Djakonat minn idejn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona, fil-Katidral ta' Malta, imdawwar mill-membri tas-Soċjetà, saċerdoti, djakni, familjari, għadd sabiħ ta' ħbieb, u benefatturi tas-Soċjetà.*

Forsi tiftakru li bħal-lum sena qsamna magħkom il-ferħ tagħna meta Bro. Bernard iċċelebra l-Professjoni Perpetwa. Issa kien imiss li jiġi ordnat djaknu; li hija l-aħħar tarġa fil-formazzjoni ta' Bro. Bernard qabel ma jiġi ordnat saċerdot.

Bernard, li huwa ekstudent tal-Kulleġġ tagħna, beda l-ħajja tiegħu fi ħdan l-MSSP fl-2003 meta ngħaqad mas-Soċjetà bħala prenovizz. F'dan il-perjodu Bernard seta' jara mill-qrib il-ħajja tagħna u jesplora aktar jekk din hix is-sejħa tiegħu.

F'Settembru tal-2004, Bernard beda n-novizzjat, sena ta' mixja spiritwali li wasslitu biex iħaddan il-ħajja MSSP permezz tal-konsagrazzjoni reliġjuża. Wara din is-sena, Bernard spiċċa l-kors li kien diġà beda fl-Università ta' Malta u f'Settembru tal-2007 telaq lejn il-Perù għal sena ta' esperjenza pastorali. Din hija sena importanti għax fiha seta' jara aktar vmill-qrib xi tfisser is-sejħa MSSP.

Wara din l-esperjenza huwa kien imissu jmur il-Filippini fejn kien fost l-ewwel membri fid-dar internazzjonali ta' formazzjoni. Hemm kompla l-istudji teoloġiċi tiegħu li spiċċahom proprju din is-sena.

Sakemm idum Malta, Bernard se jeżerċita l-ministeru tiegħu fil-Parroċċa tal-Mosta. Wara għandu jmur Ruma ħalli jkompli l-istudji tiegħu hemm.

Inħeġġukom biex titolbu għalih, ħalli l-Mulej ikompli jgħinu f'din it-triq li sejjaħlu għaliha.

**Fr Martin Galea MSSP**




Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

Tagħrif fuq id-djar u l-ministeri differenti tas-Soċjetà tagħna, f'Malta u fil-missjonijiet

NO5

# Il-Perù - post ta' kuntrasti

*Nies sinjuri ħafna u faqar eżaġerat. Biżżejjed ngħidilkom li fil-belt ta' Lima hemm 'il fuq minn 350 elf tifel u tifla li jgħixu fil-faqar estrem - realtà li tinfed il-qlub. Għaliex dawn huma ż-żgħażagħ ta' għada u l-familji tal-futur. Għal dawn in-nies is-saċerdot huwa l-unika tama tagħhom. Hawnhekk fil-Perù, flimkien mal-Knisja lokali, aħna l-missjunarji tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl ninsabu fuq quddiem nett, dejjem lesti biex fuq l-eżempju tal-fundatur tagħna, Ġużeppi de Piro, ngħinu lill-ifqar fost il-fqar.*

Ftit ilu, aħna l-membri nġbarna għal żewġ mumenti sbieħ: l-irtir tas-sena, li kien ġimgħa ta' talb u riflessjoni; u l-Kapitlu Reġjonali, żmien li fih nevalwaw ftit is-sitwazzjonijiet li qegħdin ngħixu fihom u 'l fejn nixtiequ li nimxu bħala Soċjetà. Kienet esperjenza qawwija ħafna, fejn kull wieħed jgħid il-ġid kbir li qed jagħmel. Verament għandna għal xiex infaħħru lil Alla. Emmnuni, tegħja tisma' l-lista twila tax-xogħol kollu li kull wieħed qiegħed iwettaq; immaġina kemm tegħja aktar u aktar biex twettqu. Kull missjunarju huwa barka minn Alla; kulħadd bit-talenti tiegħu, bil-ħeġġa tiegħu. Kulħadd jirsisti; qisna nittieħdu wieħed mill-ieħor b'din ix-xewqa hekk għażiża biex naqdu lil Alla u lil dan il-poplu li l-Mulej afdalna f'idejna.

Ħaġa sabiħa għas-Soċjetà tagħna hija li Fr Victor Livori ġie maħtur direttur ta' Opri Pontifiċji Missjunarji fil-Peru'. B'dan il-mod is-Soċjetà tagħna qiegħda tagħti servizz dirett fit-tmexxija tal-Knisja.

Il-postijiet tal-missjoni tagħna hawn huma mxerrdin: fil-belt kapitali ta' Lima fejn hemm 'il fuq minn 12-il miljun ruħ, għandna parroċċa li trid tieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tan-nies. Hemm imbagħad id-dar tal-formazzjoni, fejn għall-grazzja t'Alla l-imbierek għadhom kif ingħaqdu magħna tliet żgħażagħ biex jibdew il-mixja tagħhom ħalli jsiru missjunarji.

Siegħa ajruplan 'il bogħod hemm belt oħra jisimha Arequipa. Din il-belt qiegħda ġo nofs deżert u fiha jgħixu aktar minn żewġ miljun ruħ. Hawnhekk għandna seba' saċerdoti jaħdmu f'erba' parroċċi kbar fejn b'kollox nieħdu ħsieb 'il fuq minn 120 elf ruħ. Wieħed minnha, flimkien ma' grupp ta' ommijiet, qiegħed jieħu ħsieb 'Dar tat-Tfal', fejn hemm 50 tifel u tifla li qegħdin ibatu minn xi tip ta' abbandun mill-familjari tagħhom. Fost it-tfal wieħed isib ukoll trabi ta' ftit xhur. Madwar tliet sigħat karozza, f'post jismu Aplao għandna parroċċa oħra kbira. Fil-periferiji ta' din il-parroċċa hemm ukoll madwar 20 raħal żgħir li rridu nieħdu ħsiebhom aħna wkoll. Biex tasal f'uħud minnhom irridu ndumu sejrin xi siegħa u nofs karozza.

Għalfejn qiegħed insemmi dan kollu? Għax naf li intom tinteressaw ruħkom fina, u hekk tistgħu timmaġinaw ix-xogħol li jitolbu tant eluf ta' nies fil-bżonnijiet spiritwali u materjali li jkollhom bżonn minn jum għal jum. Verament, Kristu kellu raġun meta qalilna li, "il-ħsad huwa kbir u l-ħaddiema huma ftit".

X'inhu dak li jagħmlilna kuraġġ quddiem dan ix-xogħol kollu? Minkejja li hawn ħafna xogħol inħossuna mberkin mill-Mulej. Aħna nemmnu u nħossu li l-missjunarji huma għeżież ħafna għall-Mulej. Din hija xi ħaġa li nesperjenzaw minn jum għal jum, meta naraw il-mirakli li l-Mulej iwettaq permezz tagħna. Ma nkunux qegħdin nesaġeraw meta ngħidu li aħna l-missjunarji mhux biss qegħdin insalvaw ħafna erwieħ iżda wkoll ħafna ħajjiet! Dan għaliex aħna ngħinu lill-familji foqra b'dak kollu li jkollhom bżonn; fost affarijiet oħra anke b'operazzjonijiet li jkunu kwistjoni ta' ħajja jew mewt. Xi ħaġa li tagħmlilna ħafna kuraġġ biex inkomplu naħdmu bħala missjunarji hija wkoll ir-rispett kbir li naraw kemm mill-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi, kif ukoll l-imħabba u r-rispett tan-nies.

Aħna nibqgħu sejrin għax nafu li għandna lilkom, benefatturi u ħbieb tas-Soċjetà, dejjem warajna bit-talb u bl-għajnuna li tħobbu tagħtuna. Minn qalbi, f'isem sħabi kollha u f'isem il-fqar li intom tgħinu, nixtieq ngħidilkom grazzi ħafna. Intom sirtu wkoll parti mill-miraklu li l-Mulej qiegħed iwettaq fost dawn in-nies. Aħna nwegħdukom it-talb tagħna.

**Fr Giovanni Cefai mssp**
**Superjur Reġjonali**



Il-Fathers li qed jaħdmu fil-Peru'



Mara qed issajjar f'għar fejn toqgħod



Id-djar li fihom jgħixu n-nies fil-Peru'



Fr. Giovan Cefai



Fr. Victor Livori mal-Papa